MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru 573/2013

Illum, 17 ta' Gunju, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 295963M, akkuzat talli:

F' Marzu, 2013, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Appropja, billi dawwar fi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta' aktar minn Ewro 2329.37 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd., limea somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speicifikat liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, l-industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Gasco Energy Ltd.
2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi were haga b'ohra sabiex

igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Ewro 2329.27 ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd.

3. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn oblligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjojnijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.
4. Ikkommetta serq ta' cilindri ghad-dannu ta' Gasco Energy Ltd. Liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi Ewro 2390.24 u kkwalifikat bil-valur u l-persuna.

Rat l-atti  tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputat Kenneth Mifsud ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Rat l-artikoli, senjatament l-art. 183, 184, 267, 268, 280 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzzjoni

In vista tal-ammissjoni, u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------